MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 127/2006

**Maltacom plc (C22334)**

**Vs**

**Paul Caligari I.D. 168458 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta' Frar 2006, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tliet mija u disgha u tletin Liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm339.89), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghaxijiet u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2007, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tliet mija u disgha u tletin Liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm339.89), bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------